MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 80/2013

**Joseph Difesa**

***kontra***

**L-Avukat Generali, l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur Generali (Qrati)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>16 ta` Ottubru 2013</u> li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrent kien intavola appell kriminali nru : 65/2011 quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali presjeduta mill-Onor Imhallef Michael Mallia, liema appell kien differit ghas-sentenza nhar it-3 ta` Ottubru 2013.*

*Illi pero` dakinhar l-esponent kellu jigi rikoverat fl-Isptar Mater Dei ghal xi hin bil-konsegwenza li meta wasal il-Qorti l-appell tieghu kien diga` ssejjah u gie dikjarat dezert.*

*Illi pero` in segwitu ta` rikors tar-rikorrent ghar-riappuntament tal-istess appell dan gie riappuntat ghas-16 ta` Ottubru 2013 ghas-sentenza.*

*Illi fil-mori ta` dak ir-riappuntament ir-rikorrent intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn talab ir-rikuza tal-Imhallef Sedenti ai termini tal-artikolu 734(d)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jghid hekk :*

*(d)(i) jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb*
*dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x`taqsam mal-*
*kawza jew tiddependi minnha.*

*Illi dan ir-rikors sar stante li fis-seduta tat-3 ta` Ottubru 2013 filwaqt illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ddikjarat li l-appell tal-esponent kien mar dezert ma waqfitx milli tippronunzja s-sentenza fil-konfront tal-ko-akkuzati l-ohra li kellhom aggravji identici ghal dawk tal-esponent.*

*Illi in effetti dik il-Qorti tat zewg sentenzi, wahda biex tiddisponi mill-appelli kollha ta` dawk mill-akkuzati li appellaw (salv ghal dak tal-esponent) u sentenza ohra biex tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali. L-appelli ta` dawk mill-akkuzati li appellaw huma appelli identici*

*(inkluz dak tal-appellant) fis-sens illi ghalkemm intavolaw rikors ta` appell kull wiehed, l-aggravji mressaq minnhom f`kull rikors ta` appell (inkluz tal-appellant) huma l-istess.*

*Illi ghalhekk dak illi l-Qorti kellha tiddeciedi fit-3 ta` Ottubru 2013 hija l-kawza (ossija l-appelli kollha) u mhux l-appelli individwalment. Ghalhekk fl-assenza ta` uhud mill-akkuzati l-appelli kollha fl-ismijiet premessi kellhom jigi differiti sabiex tinghata sentenza wahda fuq il-kawza fil-konfront tal-appellanti kollha.*

*Illi skont l-artikolu 422(2) tal-Kap. 9, huwa biss meta jkun appell tal-Avukat Generali illi din il-Qorti tista` tghaddi biex taghti sentenza fl-assenza tal-akkuzat.*

*Illi effettivament li gara kien illi, meta dik il-Qorti ddikjarat l-appell tar-rikorrent dezert, meta tat sentenza fil-konfront tal-akkuzati l-ohra, esprimiet ruhha wkoll dwar l-aggravji mressqa mill-esponent.*

*Illi fil-fatt ir-rikorrent kien diga` jaf illi l-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata kif ghamlet fis-sentenza l-ohra li tat fil-konfront tal-ko-akkuzati l-ohra li appellaw.*

*Illi ghalhekk stante li r-rikorrent kien jaf a priori l-ezitu tal-appell tieghu gie nieqes l-element soggettiv tal-imparzjalita` ta` din il-Qorti.*

*Illi pero` fis-seduta tas-16 ta` Ottubru 2013 gara li l-Qorti tal-Appelli Kriminali cahdet ir-rikors hawnhekk imsemmi.*

*Illi in segwitu ta` tali cahda, l-esponent ivverbalizza seduta stante talba ghal referenza kostituzzjonali fis-sens li peress li l-principju tal-independenza u imparzjalita` ta`*

*Qorti tinkludi kemm imparzjalita` oggettiva u kif ukoll dik soggettiva, u peress li minhabba c-cirkostanzi hawn spjegati huwa nieqes dan it-tieni element, gie lez id-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq tar-rikorrenti.*

*Illi sussegwentement dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent u kkonfermat l-appell tal-istess.*

*Illi ghalhekk, l-esponent qieghed jippromwovi di nuovo l-azzjoni tieghu b`talba ad hoc.*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens li bil-fatt li dik il-Qorti ma differitx il-kawza u xorta tat sentenza kif hawn fuq spjegat, ir-rikorrent gie mqieghed fil-pozizzjoni illi kien jaf a priori l-x`sejra tkun il-piena tieghu.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` Qorti ai finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, ir-rikorrent jaghmel referenza ghas-segwenti bran moghtija mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza fl-ismijiet Hauschildt v Denmark (App No : 10486/83) moghtija nhar il-24 ta` Mejju 1989, fejn insibu s-segwenti dictum :*

*46. The existance of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst authorities, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14 para. 24).*

*Illi ghalhekk, dak li jirrikjedi dan il-principju huwa l-bzonn kemm ta` ottika oggettiva kif ukoll soggettiva da parti f`kawza versu l-gudikant li jkun qieghed sedenti f`dik*

*il-kawza. Jekk, allura, jigi nieqes wiehed minn dawn l-elementi u dik il-Qorti fuq talba (jew minghajr) da parti ta` wiehed mill-partijiet ma tissanax u ma tirrimedjax tali nuqqas, issehh vjolazzjoni.*

*Illi r-rikorrent jissottometti umilment li bil-fatt li l-Imhallef sedenti ma laqax it-talba ghar-rikuza u xorta ddecieda l-appell, f`sitwazzjoni meta r-rikorrent kien jaf minn qabel x`sejjer ikun l-ezitu tal-appell tieghu u ghalhekk gie nieqes l-element ta` imparzjalita` gie lez lilu d-dritt tas-smigh xieraq hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li bil-fatt li l-Imhallef sedenti fil-kawza tal-appell kif hawn fuq spjegat naqas milli jirrikuza ruhu meta gie nieqes l-element soggettiv tal-imparzjalita` u xorta inghatat is-sentenza gie lez id-dritt tas-smigh xieraq tar-rikorrent hekk kif sancit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. Thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta` Ottubru 2013 u konsegwentement tirrimandi lura l-atti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta sabiex l-appell tar-rikorrent jerga` jinstema` mill-gdid.*

*3. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati) prezentata fit-<u>28 ta` Ottubru 2013</u> li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari d-Direttur Generali (Qrati) mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*2. Illi f`dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattwibwixxi l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, ghal xi nuqqas min-naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali (Qrati) u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Illi f` dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-Gudikant/i li ppresjeda l-proceduri u ghal dan l-allegat nuqqas zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti.*

*4. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet <u>George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et</u> deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Novembru 2004 fejn intqal :*

*"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f`dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawnhekk ikun legittimu kontradittur."*

*5. Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.*

*6. Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Illi f`dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet <u>Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura</u> deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Ottubru 2005 fejn gie ritenut :*

*"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista` jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f`din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skont il-ligi</u> – u hu ma hux f`pozizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x`ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta` dawk il-Qrati."*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent qieghed jittratta l-Qorti Kostituzzjonali bhala qisu kienet qorti tat-tieni appell, li zgur mhijiex il-funzjoni taghha, biex dak li forsi ma rnexxilux jikseb fl-appell li hu kien involut u li issa huwa res judicata jittanta jiksbu permezz ta` dawn il-proceduri.*

*9. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Onorevoli Prim Ministru prezentata fit-30 ta` Ottubru 2013 li taqra hekk –

*1. Illi fil-kawza odjerna r-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li bil-fatt li l-Imhallef sedenti fil-proceduri tal-appell nru 65/2011 ma rrikuzax ruhu ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur sehhet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu stante li allegatamement ma giex rispettat il-kriterju tal-imparzjalita` soggettiva a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. Illi fl-ewwel lok minn verifiki li ghamlu l-esponenti fl-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Appell Numru 65/11 (appelli tal-akkuzati) u Appell Numru 81/11 (appell tal-Avukat Generali)] fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin Cachia et" jirrizulta li -*

*(i) Ir-rikorrent flimkien ma` persuni ohra tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali akkuzati b`diversi reati bi ksur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Uhud minnhom, fosthom ir-rikorrent, gew wahedhom akkuzati wkoll li huma recedivi b`sentenzi varji.*
*(ii) Illi b`sentenza datata 31 ta` Jannar 2011 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-akkuzati kollha. Uhud minnhom gew liberati. Ohrajn inkluz ir-rikorrent instabu hatja tal-ewwel akkuza u dwar ir-recediva filwaqt li gew liberati mit-tieni akkuza u wehlu sitt xhur prigunerija.*
*(iii) Hamsa mill-akkuzati u cioe` Martin Cachia, Christopher Hughes, Richard Mercieca, Reno Buhagiar u*

*r-rikorrent odjern intavolaw <u>appelli separati</u> minn din is-sentenza. L-esponent Avukat Generali appella wkoll.*
*(iv) Illi kemm l-appelli tal-appellanti (inkluz tar-rikorrent odjern) kif ukoll l-appell tal-Avukat Generali gew trattati fis-seduta tat-22 ta` Novembru 2012. Ghal din is-seduta l-appellanti kollha u cioe` Martin Cachia, Christopher Hughes, Richard Mercieca, Reno Buhagiar u r-rikorrent odjern kienu prezenti u debitament assistiti mill-avukat tal-fiducja taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta` Frar 2013 u l-appellanti gew notifikati bid-data seduta stante.*
*(v) Illi kien hemm zewg differimenti ohra wara dik id-data ghall-prolazzjoni tas-sentenza u r-rikorrent dejjem kien notifikat bid-data tad-differiment li jmiss.*
*(vi) Illi fit-3 ta` Ottubru 2013 l-appellant (rikorrent odjern) Joseph Difesa ma deherx minkejja li kien debitament notifikat bis-seduta u ghalhekk l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Pero` f`dik id-data nghatat sentenza fil-konfront tal-appellanti Martin Cachia, Christopher Hughes, Richard Mercieca u Reno Buhagiar. Dakinhar u fl-istess sentenza gie deciz ukoll l-appell tal-Avukat Generali.*
*(vii) Illi fis-7 ta` Ottubru 2013 ir-rikorrent odjern intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jiggustifika l-assenza tieghu mis-smiegh ta` erbat ijiem qabel u talab lill-Qorti tirriappunta l-appell tieghu taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha opportuni. Il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent u rriappuntat il-kawza ghall-prolazzjoni tas-sentenza ghas-16 ta` Ottubru 2013 fid-9.00am.*
*(viii) Illi fl-14 ta` Ottubru 2013 ir-rikorrent Joseph Difesa intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz tieghu talab ir-rikuza tal-Imhallef sedenti a tenur tal-Artikolu 734 (d) (i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Permezz ta` risposta datata 15 ta` Ottubru 2013 l-esponent oppona ghal din it-talba stante li fil-fehma tieghu ma kienx hemm ragunijiet validi ghal tali rikuza.*
*(ix) Illi b`digriet datat 16 ta` Ottubru 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba ghar-rikuza wara li ddegretat li "kien in-nuqqas tar-rikorrent li ma deherx ghas-seduta meta kienet ser tinghata s-sentenza u ghalhekk l-appell tieghu mar dezert. Peress li kien l-istess rikorrent li talab ghal ri-appuntament li giet milqugha minn*

*din il-Qorti fejn kwindi l-kawza tqieghdet fl-istess pozizzjoni li kienet dakinhar li marret dezerta u cioe` ghas-sentenza. Peress illi r-rikorrent ma jistax jirreka vantagg minn nuqqas tieghu stess. Tichad emfatikament it-talba u zzomm ferm il-prolazzjoni tas-sentenza."*

*(x) Illi in segwitu ghal din ic-cahda, waqt is-smiegh tas-16 ta` Ottubru 2013 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, Joseph Difesa talab li ssir riferenza kostituzzjonali peress li deherlu li bil-prolazzjoni tas-sentenza mill-Qorti kif preseduta kien ser isofri lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali.*

*(xi) Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali wara li rat li kien in-nuqqas tal-istess appellant li pprovoka din is-sitwazzjoni meta minghajr gustifikazzjoni ma deherx dakinhar tas-seduta tat-3 ta` Ottubru 2013, u wara li rat ukoll li l-provi u trattazzjonijiet kienu kollha gja saru u ma kien hemm xejn aktar xi jsir hlief il-prolazzjoni tas-sentenza li l-appellant ipprova jevita b`manuvri biex ma jidhirx il-Qorti, iddecidiet li ma tistax tittollera dan l-agir li jimmina direttament l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Konsegwentement il-Qorti cahdet din it-talba ghal riferenza u ddikjaratha bhala frivola u vessatorja u ordnat il-prolazzjoni tas-sentenza. Is-sentenza fil-konfront ta` Joseph Difesa fil-fatt inghatat fis-16 ta` Ottubru 2013.*

*3. Illi fid-dawl tal-fatti suesposti, l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent fir-rigward ta` ksur ta` drittijiet fundamentali bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Illi qabel xejn u <u>in linea preliminari</u>, in kwantu fil-proceduri odjerni r-rikorrent qieghed jattakka agir ta` gudikant tal-Qrati, l-esponent Onorevoli Prim Ministru m`huwhiex il-legittimu kontradittur ghal ebda wahda mill-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent stante li bhala Kap tal-fergha ezekuttiva tal-Istat ma jirrispondix ghall-agir tal-fergha gudizzjarja li hija ghalhekk totalment separata u distinta minnu. L-Onorevoli Prim Ministru ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*5. Illi <u>fil-mertu</u> u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jaqblu xejn mal-interpretazzjoni li r-rikorrent qieghed jipprova jaghti lill-fattispecje tal-kaz odjern fil-kuntest tad-dritt ghal smiegh xieraq. L-esponent jirribatti li effettivament il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha <u>sitt appelli separati</u> (wiehed minnhom tal-esponent) u la fis-seduta ffissata ghall-ghoti tal-istess sentenza u cioe` fit-3 ta` Ottubru 2013, dehru l-appellanti l-ohra kollha hlief ir-rikorrent, il-Qorti kellha d-dmir b`rispett shih lejn il-principju ta` smiegh xieraq innifsu (inkluz li l-proceduri jinghalqu gheluq zmien ragjonevoli), li tiddisponi mill-appelli ta` dawk l-appellanti li kienu prezenti.*

*6. Illi kif tajjeb jghidu l-awturi Harris, O`Boyle and Warbrick fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" [It-tieni edizzjoni, pagna 290] -*

*"`Impartiality` means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test :*

*The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect …As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the Court `acted with personal bias` against the applicant. In this connection, there is a presumption that a judge is impartial 'until there is proof to the contrary.'"*

*7. Illi fid-dawl tal-principji suesposti huwa nkoncepibbli ghall-esponent jifhem f`liema sens in-nuqqas ta` rikuza tal-Imhallef Michael Mallia jista` remotament jitqies li wassal ghal nuqqas ta` imparzjalita` partikolarment dik suggettiva.*

*Illi anzi ghal kuntrarju, kif jirrizulta mill-fatti suesposti –*

*i) kien ir-rikorrent innifsu li pprovoka s-sitwazzjoni kollha meta minghajr ebda gustifikazzjoni naqas li jipprezenta ruhu fl-awla ghall-ghoti tas-sentenza. Anke jekk erbat ijiem wara pprova jiggustifika l-assenza tieghu mis-smiegh tat-3 ta` Ottubru 2013 permezz ta` rikors, mill-affidavit tieghu stess anness ma` dak ir-rikors jirrizulta li r-rikorrent ma kellu ebda mpediment sabiex almenu jibghat jinforma lill-Qorti anke tramite r-rapprezentant legali tieghu dwar l-assenza tieghu.*

*ii) Nonostante dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali b`rispett lejn il-principju ta` smiegh xieraq, ikkoncediet opportunita` ohra lir-rikorrent sabiex l-appell tieghu jigi riappuntat, kif fil-fatt sar.*

*iii) Pero` din it-tieni opportunita` lir-rikorrent ma tista` qatt tissarraf f`abbuz mill-process gudizzjarju (kif fil-fehma tal-esponenti qieghed jigri fil-kaz odjern) fis-sens li r-rikorrent jippretendi li jitqieghed <u>f`sitwazzjoni diversa</u> milli kien ikun fiha li kieku kien prezenti waqt is-seduta tat-3 ta` Ottubru 2013.*

*iv) Fil-fatt kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali laqghet it-talba ghar-rikuza tar-rikorrent odjern, kien jinholoq ksur tal-principju tal-equality of arms ghax ir-rikorrent odjern kien ikun qieghed jirreka a favur tieghu vantagg mhux misthoqq fuq l-appellanti l-ohra li bhalu kellhom l-appelli taghhom mismughin u trattati quddiem l-istess gudikant.*

*9. Illi jsegwi ghalhekk li n-nuqqas ta` rikuza tal-gudikant in kwistjoni f`ebda stadju tal-proceduri quddiem l-appell kriminali ma ammontat ghal nuqqas ta` mparzjalita`. Anzi b`mod doveruz il-gudikant pogga lir-rikorrent fl-istess pozizzjoni li kien fiha qabel mal-appell tieghu mar dezert, u ghadda ghalhekk sabiex fis-seduta tas-16 ta` Ottubru 2013 gustament jaghti s-sentenza fil-*

*konfront tar-rikorrent, liema sentenza hija del resto ben motivata u b`piena moghtija fil-parametri tal-ligi.*

*10. Illi finalment u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha kif zviluppaw fil-kaz odjern, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara dan ir-rikors bhala wiehed frivolu u vessatorju ghax fil-fehma taghhom jirrifletti fost affarijiet ohra tentattiv ta` forum shopping fejn permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qieghed jipprova jinqeda bin-nuqqasijiet tieghu stess sabiex jevadi l-gudizzju minghand il-gudikant li wara kollox kien dak li ra l-provi u sema` t-trattazzjonijiet kollha li kellhom isiru sabiex tinghata sentenza finali fil-konfront tieghu u tal-appellanti l-ohra.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u tichad konsegwentement l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2013.

Rat l-atti mill-process kriminali mertu ta` din l-istanza li pprezenta r-rikorrent fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Fatti**

Ir-rikorrent u sitt persuni kienu ko-akkuzati fil-kawza bin-Nru 575 tal-2001 li kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-31 ta` Jannar 2011. L-akkuzi kienu diversi. Kien hemm imputazzjonijiet fejn il-Prosekuzzjoni xliet bihom lill-akkuzati kollha. Hamsa mill-ko-akkuzati kienu mixlija wkoll b`recidiva. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (a) illiberat lil tnejn mill-ko-imputati mill-akkuzi kollha li kienu dedotti kontra taghhom (b) illiberat lill-hamsa l-ohra (inkluz lir-rikorrent) minn akkuza minnhom izda sabithom hatja tal-akkuzi l-ohra u kkundannathom ghal piena ta` sitt xhur prigunerija.

Il-hames persuni li nstabu hatja (inkluz ir-rikorrent) ilkoll ipprezentaw rikors tal-appell. Ipprezentaw appelli individwali u cioe` hames appelli mill-istess sentenza. Pero` ghalkemm sar hekk, huwa ben evidenti minn qari ta` kull wiehed mill-hames rikorsi ta` appell isib illi t-test tar-rikors huwa identiku ghall-hamsa ; l-unika differenza tinstab fir-riferenza ghall-persuna ta` kull appellant.

L-Avukat Generali wkoll ipprezenta rikors tal-appell kemm dwar in-nuqqas ta` sejbien ta` htija ta` tnejn mill-ko-akkuzati kif ukoll mill-piena nflitta lill-hamsa l-ohra (inkluz ir-rikorrent).

L-appelli kollha kienu appuntati ghas-smigh quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta` Mejju 2012 fid-09.00 a.m. It-trattazzjoni tal-appelli saret fit-22 ta` Novembru 2012, u thallew ghas-sentenza ghat-28 ta` Frar 2013 fid-09.00 a.m. Dakinhar is-sentenza ma nghatatx u l-appelli baqghu ghas-sentenza ghall-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013 fid-09.00 a.m.

Meta ssejjah l-appell fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013, dehru erbgha mill-akkuzati appellanti hlief ir-rikorrent. Billi r-riferta fil-kaz tar-rikorrent kienet posittiva, il-Qorti ddikjarat dezert l-appell tar-rikorrent u tat sentenza dwar l-appelli tal-erbgha akkuzati appellanti l-ohra u dwar l-appell tal-Avukat Generali. Fis-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat s-sentenza appellata.

Ir-rikorrent ressaq talba skond l-Art 422(1) tal-Kap 9 u l-Qorti tal-Appell Kriminali rriappuntat l-appell tieghu ghall-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2013 fid-09.00 a.m.

Fl-14 ta` Ottubru 2013, ir-rikorrent ipprezenta rikors fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab ir-rikuza tal-Imhallef Sedenti skond l-Art 734(d)(i) tal-Kap 12.

Fis-16 ta` Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat digriet dwar it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tieghu tal-14 ta` Ottubru 2013 fejn *inter alia* qalet hekk –

*Peress li kien l-istess rikorrent li talab ghal riappuntament li giet milqugha minn din il-Qorti fejn kwindi l-kawza regghet tqieghdet fl-istess posizzjoni li kienet dakinhar li marret dezerta u cioe` ghas-sentenza.*

*Peress illi r-rikorrent ma jistghax jirrevoka vantagg minn nuqqas tieghu stess.*

*Tichad emfatikament it-talba u zzomm ferm il-prolazzjoni tas-sentenza.*

Fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2013, qabel il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza fil-konfront tar-rikorrent, id-difensur tar-rikorrent ghamel dan il-verbal –

*Dr David Camilleri ghall-appellant in segwitu ghac-cahda ta` din il-Qorti ghar-rekuza jaghmel talba ghar-referenza kopstituzzjonali peress illi jidhrilu illi bil-prolazzjoni tas-sentenza kif preseduta jilledi d-drittijiet fundamentali tal-appellant u cioe` id-dritt ghal smigh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali.*

Il-Qorti tat digriet fejn qalet hekk –

*Il-Qorti wara li rat illi kien in-nuqqas tal-istess appellant illi pprovoka din is-sitwazzjoni meta minghajr gustifikazzjoni ma deherx dakinhar tas-seduta meta kienet ha tinghata s-sentenza.*

*Rat illi l-provi, trattazzjonijiet kienu kollha gia` saru u ma kien hemm xejn aktar xi jsir hlief il-prolazzjoni tas-sentenza li l-appellant ipprova jevita b`manuvri biex ma jidhirx il-Qorti.*

*Peress illi l-Qorti ma tistax tittollera dan l-agir li jimmina direttament amministrazzjoni tal-gustizzja tiddikjara t-talba frivola u vessatorja u tordna l-prolazzjoni tas-sentenza.*

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tar-rikorrent.

Dakinhar stess li nghatat is-sentenza, ir-rikorrent ipprezenta dan ir-rikors kostituzzjonali.

**Ikkunsidrat :**

## III. **Dritt**

Ir-rikorrent qieghed jilmenta minn ksur tad-dritt tieghu ta` smigh xieraq skond l-**Art 6(1)** tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap 319) [“il-Konvenzjoni”]. Il-parti tad-disposizzjoni li r-rikorrent qieghed jinvoka protezzjoni hija l-ewwel sentenza u cioe` - *Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi*. L-emfasi tar-rikorrent hija dwar l-imparzjalita` tal-gudikant.

Ir-rikorrent qieghed jilmenta wkoll minn ksur tal-**Art 39(1)** tal-Kostituzzjoni ta` Malta (“il-Kostituzzjoni”). Id-disposizzjoni taqra hekk –

*Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi.*

Ir-rikorrent qieghed isostni illi, minhabba c-cirkostanzi li ndika fir-rikors tieghu, meta l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-Qorti tal-Appell Kriminali ta sentenza dwar l-appell tieghu, dak l-Imhallef ma kienx imparzjali u kwindi kien hemm lezjoni tad-dritt tieghgu ghal smigh xieraq ghaliex – skond ir-rikorrent – huwa naqas li jirrikuza ruhhu meta c-cirkostanzi tal-kaz hekk kienu jiddettaw li kellu jaghmel, skond l-**Art 734(1)(d)(i)** tal-Kap 12.

Il-principju tad-dritt illi in linea generali jirregola r-rikuza jew astensjoni ta` Imhallef huwa migbur fl-**Art 733** tal-Kap 12 li jaqra hekk –

*L-imhallfin ma jistghux jigu rrikuzati u lanqas jistghu jastjenu ruhhom milli joqoghdu f'kawza migjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma mahtura biex joqoghdu, hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet hawn wara msemmijin.*

Id-disposizzjoni ndikata mir-rikorrent bhala r-raguni ghall-istanza tieghu hija l-**Art 734(1)(d)(i)**. Taqra hekk –

*L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza … jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x`taqsam mal-kawza jew tiddpendi minnha.*

**Ikkunsidrat :**

## IV. Dottrina

Kopjuza hija d-dottrina u l-gurisprudenza li tittratta dawk ic-cirkostanzi fejn nuqqas ta` imparzjalita` igib mieghu ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-Qorti sejra tigbor u tirreferi ghall-principji li huma pacifikament akkolti sabiex imbaghad, anke fuq l-iskorta taghhom, tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-istanza tar-rikorrent fil-kawza tal-lum.

Kemm fl-atti taghhom tal-bidu bil-miktub, kif ukoll fit-trattazzjoni taghhom bil-fomm, il-partijiet permezz tad-difensuri taghhom jaghmlu riferenza ghall-element soggettiv u oggettiv fil-konsiderazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalita` tal-gudikant fil-kuntest tad-dritt ghal smigh xieraq.

Fil-pag 266 ta` ***The European Convention on Human Rights*** (OUP – Fifth Edition – 2010) l-awturi Jacobs, White & Ovey ighidu hekk –

*The Strasbourg Court is concerned both with the subjective and objective elements of independence and impartiality. The subjective element involves an enquiry into whether the personal conviction of a judge in a particular case raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge`s lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary and there are exceedingly few cases where subjective bias has been established since in practice such evidence can be very hard to come by. The objective element involves determination of whether in terms of structure or appearance a party`s doubts about the tribunal`s independence and impartiality may be legitimate.*

Fil-pag 782 ta` ***European Human Rights Law*** (OUP - Third Edition – 2008) l-awturi Janis, Kay & Bradley ighidu hekk b`riferenza ghal-ligi Ngliza –

*In Porter vs Magill (2002 2 A.C. 357 at para 103) the House of Lords held that in considering whether the circumstances give rise to a reasonable apprehension that a tribunal was biased, the question is "whether the fair-minded and informned observer having considered the facts would conclude that there was a real possibility that the tribunal was biased". This formulation now provides the ruling test in English law*

L-intimati jiccitaw minn ***Law of the European Convention on Human Rights*** (OUP – Second Edition – 2009) ta` l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick u r-rikorrent jirriferi ghad-decizjoni tal-ECHR fil-kawza "Hauschild v. Denmark".

Il-Qorti sejra ticcita b`mod aktar shih il-bran minn Harris, O'Boyle & Warbrick fejn hemm ukoll riferenza ghal "Hauschild v. Denmark".

Fil-pag 290 – 291 ta` ***<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>*** jinghad hekk –

*"Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test : The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubts in this respect [Hauschild v Denmark A 154 (1989) 12 EHRR 266 para 46] …*

*As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court "acted with personal bias" against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial, "until there is proof to the contrary" (Kyprianou v Cyprus – 2005-XIII ; 44 EHRR 565 GC) Given this presumption and the need to prove actual bias, it is not surprising that a breach of the subjective test is difficult to establish …*

*The objective test is comparable to the English law doctrine that "justice must not only be done ; it must also be seen to be done". In this context the Court emphasizes the importance of "appearances" (Sramek vs Austria A 84 1984 para 442 ; 7 EHRR 351). As the Court has stated "what is at stake is the confidence which the courts in a democratic sosciety must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused" (Fey vs Austria – A 255 – A 1993 ; 6 EHRR 387 para 30). In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is important but not decisive ; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be objectively justified. If there is a legitimate doubt as to a judge`s impartiality, he must withdraw from the case.*

Fil-pag 162 sa 164 ta` ***A Practictioners` Guide to the European Convention on Human Rights*** (Sweet & Maxwell – Fourth Edition , 2011) Kren Reid tghid hekk –

*The Court has commented that the fact that a judge takes a strong negative view of an applicant`s case or even of its character is not sufficient to disclose bias, and that unduly harsh or oppressive behaviour is not necessarily a reflection of personal prejudice (Ranson vs UK 14180/03 : 02/09/2003) …*

*At higher levels, judges should not be involved in hearing appeals against themselves or have been involved in ruling on the same issues in a different forum. As admissibility of appeal issues may be procedural and unconnected with the merits, it may not offend for a judge, who has already issued a substative decision to sit on the panel deciding leave to appeal. However where most of the members of the appellate or cassation body appear to be redeciding on essentially the same factual issues as they did on an earlier occasion, a problem may arise ; this appears to be a very fine line.*

Fil-pag 614 ta` ***Theory and Pratice of the European Convention on Human Rights*** (Intersentia – Fourth Edition – 2006) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak ighidu hekk –

*For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forwarded at the trial.*

**Ikkunsidrat :**

**V. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur Generali (Qrati)**

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat Direttur Generali (Qrati) qieghed jikkontendi illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent ghaliex dan mhuwiex qieghed jattribwixxi lilu l-ksur ta` l-jedd ghal smigh xieraq li jallega illi garrab. Ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent.

Din l-eccezzjoni hija ben fondata. La mir-rikors promotorju u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirrizulta li r-rikorrent qieghed iressaq xi ilment direttament kontra l-intimat Direttur Generali (Qrati). Hija rilevanti ghal din l-eccezzjoni partikolari l-gurisprudenza citata mid-Direttur Generali (Qrati) u cioe` *George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Novembru 2004 u *Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Ottubru 2005. Ghar-ragunijiet li huma esposti bl-aktar mod car u inekwivoku f`dawk is-sentenzi, il-Qorti taghmel taghha dik il-gurisprudenza fejn tolqot din l-eccezzjoni.

**Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat tad-Direttur Generali (Qrati) u ghalhekk qeghda tillibera lid-Direttur Generali (Qrati) mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. L-eccezzjoni preliminari tal-intimat Onorevoli Prim` Ministru**

L-intimat Onorevoli Prim` Ministru ressaq eccezzjoni preliminari fis-sens illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent ghaliex bhala Kap tal-Fergha Ezekuttiva tal-Istat ma jirrispondix ghall-agir tal-Fergha Gudizzjarja tal-Istat

billi din tal-ahhar hija totalment separata u distinta minnu. Ghalhekk talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-**Art 181B** tal-Kap 12 jittratta r-rappresentanza gudizzjarja tal-Gvern. Dan l-artikolu kien mizjud bl-Att XXIV tal-1995. Din id-disposizzjoni ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar l-ghamla ta' procedura gudizzjarja li ghaliha tirreferi. Li jfisser illi tkopri kawzi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali. Huwa accettat li hemm diffikulta` fil-kaz ta` kawzi b`mertu simili ghal dak tal-lum (ara – pg 64 ta` "***Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms***" – Giuseppe Mifsud Bonnici – 2004).

Bl-eccezzjoni tieghu, l-intimat Onorevoli Prim` Ministru qieghed jipprospetta illi bhala Kap tal-Gvern ma jistax ikun legittimu kontradittur tar-rikorrent meta l-mertu tal-istanza tar-rikorrent tolqot direttament l-agir tal-Gudikatura. Din il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni hija fondata. Il-legittimu kontradittur tar-rikorrent fil-kawza tal-lum huwa l-Avukat Generali abbazi tal-**Art 181B(2).** Din hija disposizzjoni li specjalment f`kazi bhal dak tal-lum ghandha tinghata tifsira wiesgha biex tilhaq il-milja taghha u ma teskludi lil hadd mid-dritt ta` access ghall-qorti.

Din il-Qorti mhijiex tal-fehma illi ghandu jitnissel paragun bejn il-kaz tal-lum ma` fejn rikorrent jattakka l-validita` ta` ligi – u allura att tal-Legislattiv bhala Fergha ohra tal-Istat – minhabba allegat ksur ta` jedd fondamentali protett mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Fit-tieni kaz, il-Prim` Ministru ikun kontradittur legittimu anke ghaliex bis-sahha tal-Att IX tal-2006, li gie fis-sehh fis-7 ta' Lulju, 2006, dahal l-**Art 242(2)** fil-Kap 12 li bih huwa l-Prim Ministru direttament li nghata s-setgha u l-fakulta` li jagixxi f`kaz fejn xi ligi tkun instabet li tikser xi jedd fundamentali ta` persuna kif imhares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. Fl-assenza ta` disposizzjoni *ad hoc* u simili li tghodd ghall-Gudikatura,

din il-Qorti hija tal-fehma li dik id-disposizzjoni ma tistax tkun estiza ghall-Gudikatura *mutantis mutandis.*

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Onorevoli Prim` Ministru u ghalhekk qeghda tillibera lill-Onorevoli Prim` Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrent.**

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Risultanzi</u>**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**<u>J.E.M</u> <u>Investments Ltd v. Avukat Generali et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

***id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.***

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb **"*<u>Law of the</u> <u>European Convention on Human Rights</u>*"** (op. cit.) **<u>in linea ta` principju</u>** illi *the Court* (u cioe` l-ECHR) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*) [ara pag 201]. Ighidu wkoll pero` illi *the*

*Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct,* ***with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial****.* (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 202]. U jkomplu li ***in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant*** (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 204]

**Din il-Qorti mhijiex tarax *actual prejudice* fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali ttrattat mar-rikorrent. Anzi din il-Qorti tghid illi dik il-Qorti ttrattat mar-rikorrent korrettement u skond il-ligi, u fl-agir taghha ma ghamlet xejn lesiv ghall-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.**

Fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kellha tiddeciedi dwar is-sitt appelli li kellha quddiemha : hames appelli individwali u separati ta` hamsa mill-akkuzati fil-kawza, u appell iehor tal-Avukat Generali. Kienu decizi l-appelli tal-akkuzati (hlief tar-rikorrent) u tal-Avukat Generali. Hekk kellha taghmel il-Qorti anke jekk ir-rikorrent baqa` ma deherx ghall-udjenza. U kif kienet obbligata taghmel skond il-ligi, il-Qorti ddikjarat dezert l-appell tar-rikorrent.

**Hija legalment insostenibbli l-pretensjoni tar-rikorrent illi fl-assenza tar-rikorrent, il-Qorti kien messha ddifferiet il-kawza ghal data ohra. Minn imkien fil-ligi ma jirrizulta li l-Qorti kellha taghmel hekk.**

Ghal *din* il-Qorti hija rrilevanti l-kwistjoni ghala r-rikorrent baqa` ma deherx ghall-udjenza tat-3 ta` Ottubru

2013. Tghid hekk ghaliex kienet x`kienet ir-raguni (u l-fondatezza taghha) il-Qorti tal-Appell Kriminali dehrilha li kellha tirriappunta mill-gdid l-appell tar-rikorrent ghal data ohra.

**Daqstant iehor hija rrilevanti l-kwistjoni sollevata mir-rikorrent illi ghalkemm l-appelli kienu hamsa, fir-realta` kienu ndentici – hlief ghall-isem ta` kull wiehed mill-hames appellanti u ghall-aggravji. Huwa minnu li kienet istitwita kawza wahda kontra seba` ko-akkuzati. Pero` wara d-decizjoni tal-Ewwel Qorti, il-mansjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet illi tittratta u tiddecidi kull appell li sar minn dik is-sentenza – kemm jekk mill-akkuzati kemm jekk mill-Avukati Generali. Fil-fatt saru sitt appelli – kull wiehed separat u distint mill-iehor – u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet obbligata tiddeciedi kull wiehed minn dawk is-sitt appelli. Tat decizjoni f`hames appelli (mhux f`sitta) ghaliex ir-rikorrent baqa` ma deherx ghall-udjenza fejn kellhom jigu decizi s-sitt appelli. Jekk ghall-fini ta` pratticita` l-Qorti tat decizjoni fil-kaz tal-appelli tal-akkuzati li dehru dakinhar, u decizjoni fil-kaz tal-appell tal-Avukat Generali minflok sitt decizjonijiet separati ma jfissirx li kien hemm xi haga kontra l-ligi b`daqshekk ghaliex il-posizzjoni ta` kull appellant – inkluz l-Avukat Generali – baqghet sal-ahhar separata u distinta.**

Kienet ghalhekk legalment insostenibbli l-posizzjoni tar-rikorrent, meta fl-udjenza tar-riappuntament tal-appell tieghu, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif kienet presjeduta sa dakinhar, talab ir-rikuza tal-Imhallef sedenti u ghax ma kenitx milqugha t-talba tieghu ghar-rikuza, l-ewwel talab riferenza kostituzzjonali (li kienet respinta) u wara li kien deciz l-appell tieghu, ipprezenta l-istanza tal-lum. Ir-rikuza ta` Imhallef tista` ssir biss fil-kaz tassattivament kontemplati mil-ligi (ara – `**Licari Estates Limited vs Mohnani**` - Prim`Awla tal-Qorti Civili – 19 ta` Frar 2001)

**Il-kompitu tal-Imhallef sedenti kien li jiddeciedi l-appelli kollha li kellu quddiemu, u li meta jiddeciedi dawk l-appelli kollha hemm ikun iddecieda l-kawza. Fil-kaz taht ezami, hekk sar, minghajr l-ebda lezjoni (diretta jew indiretta) tad-dritt ta` smigh xieraq tar-rikorrent.**

**Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax illi kien hemm nuqqas ta` imparzjalita` soggettiva jew oggettiva.**

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 2013 fil-kawza **`The Republic of Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel`** il-Qorti tal-Appell Kriminali (komposta kolleggjalment) qalet hekk –

*"it is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."*

**Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-procediment kollu – mill-bidu sal-ahhar – illi r-rikorrent kellu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien rispettat bis-shih id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.**

Huwa zbaljat ir-rikorrent meta jsostni illi ghax il-Qorti - kif kienet presjeduta - iddecidiet kif iddecidiet il-hames appelli **qabel** dak tieghu, allura jfisser illi kienet *biased* fil-konfront tieghu, u allura kellha tirrikuza ruhha. Ir-rikorrent ma kellu propju xejn f`idejh illi juri li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sejra tiddisponi mill-appell tieghu bl-istess mod kif iddisponiet mill-appelli l-ohra ; jew kien konvint mill-fondatezza tal-appell tieghu jew ma kienx. Kif jista` r-rikorrent isostni, legalment u abbazi tal-*buon sens,* illi sahansitra fil-mument meta talab ir-riappuntament tal-appell tieghu skond l-Art 422(1) tal-Kap 9 kien diga` jaf illi l-Qorti kienet sejra tikkonferma s-sentenza appellata

safejn din kienet tolqot lilu ? Jekk kien daqstant hekk konvint - allura tistaqsi din il-Qorti - ghaliex talab ir-rikorrent *in primis* ir-riappuntament tal-appell ? Forsi – terga` tistaqsi l-Qorti – biex ikollu pretest fejn jitlob ir-rikuza tal-Imhallef sedenti ?

**Skond l-element <u>soggetti</u>v, l-imparzjalita` tal-Imhallef hija prezunta sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju. Fil-kaz tal-lum ma tirrizulta l-ebda prova li ssostni l-element soggettiv – lanqas il-kontenzjoni – din il-Qorti tghid – infondata tar-rikorrent – illi huwa kien jaf a priori l-ezitu tal-appell tieghu.**

**In kwantu ghall-element <u>oggettiv</u>, din il-Qorti ma ssib propju xejn fl-imgieba tal-Imhallef sedenti fl-appell tar-rikorrent li tiggustifika l-pretensjoni tieghu. Din il-Qorti m`ghandha propju l-ebda dubju legittimu war il-komportament tal-Imhallef sedenti.**

Il-Qorti ezaminat is-sentenzi li tat il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2013 u fihom ma ssib l-ebda riferenza avversa ghar-rikorrent. Mhuwiex dan kaz bhal dak ta` "**<u>Ferrantelli and Santangelo v Italy</u>**" [ECHR – 7 ta` Settembru 1996] - *where the presiding appeal judge had convicted the co-accused in a judgement referring to the applicant`s participation in events and the appeal judgement cited extracts from that earlier judgement when convicting the applicants*

**Din il-Qorti <u>tikkondividi</u> l-fehma tal-Avukat Generali illi kieku l-Qorti, wara li ddikjarat dezert l-appell tar-rikorrent, mxiet kif ir-rikorrent jippretendi li kellha timxi, allura kienet taqleb ta` taht fuq il-principju tal-*equality of arms* – li huwa wkoll komponent ewlieni tal-jedd ghal smigh xieraq.**

Bil-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriappuntat l-appell tar-rikorrent skond l-Art 422(1) tal-Kap 9, ir-rikorrent tqieghed fil-posizzjoni illi kien qabel l-ghoti tad-digriet ta` dezerzjoni u allura bl-appell tieghu mholli ghas-sentenza wara li kien diga` trattat. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li kellu jinghata trattatament divers minn dak li diga` kellu. Li kieku l-Qorti ddisponiet diversament mit-talba tar-rikuza tar-rikorrent, kien ifisser illi r-rikorrent kien jippretendi minn Qorti tal-Appell Kriminali – diversament presjeduta – sentenza dwar l-appell tieghu certament wara trattazzjoni mill-gdid tal-appell tieghu. Dan ifisser li r-rikorrent kien jassumi vantagg indebitu kemmm fil-konfront tal-avversarji tieghu.

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-pagna 251 tal-ktieb "***Law of the European Convention on Human Rights*"** (op. cit.) –

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings* (enfasi ta` din il-Qorti) *requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-eccezzjoni in linea preliminari tal-intimat Direttur Generali (Qrati) u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju ;**

**Tilqa` wkoll l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Onorevoli Prim` Ministru u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju ;**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali ;**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent ;**

**Tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------